## PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-12 TA’ MEJJU 2022**

**Kawża Numru: 3**

**Konkors nru 1089/2012 RGM**

**Konkors ta’ Kredituri ta’ Crown Hotels Limited (C 22101)**

**Il-Qorti:**

**Rat** li b’sentenza tas-27 ta’ Ġunju 2006 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs. Ronald u Mariella konjuġi Azzopardi u Crown Hotels Ltd (Ċit Nru 877/2005 JRM), il-bank attur ġie kanonizzat kreditur (i) tal-konjuġi Azzopardi fis-somma ta’ Lm781,105.06 (ekwivlaneti għal €1,819,485.35) u (ii) tas-soċjeta Crown Hotels Ltd fis-somma ta’ Lm 536,701 (ekwivlaneti għal €1,250,177.03) flimkien ma’ l-imgħaxijiet ulterjuri mid-9 t’Awwissu 2005 sal-jum tal-pagament effettiv flimkien ma Lm15,941.65 (ekwivalenti għal €37,134.05) spejjeż tal-kawza.

Bħala immobbli is-soċjeta Crown Hotels tipposjedi:

a. Bar u restaurant bl-isem O’Connor’s Pub & Restaurant, Triq San Aristarcus, Buġibba; u

b. Il-maisonette mingħajr numru uffiċċjali bl-isem Betsalem, Triq San Aristarcus, Buġibba.

**Rat** li b'r-rikors tas-soċjeta Bank of Valletta p.l.c (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'BoV') intavolat fit-8 ta' Mejju 2007, fejn permezz tiegħu talab lil Qorti sabiex in eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-immobbli fuq imsemmija sabiex tottjeni l-ħlas tal-kreditu dovut lilha.

**Rat** ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri maħluf fid-19 ta' Ġunju 2008 fejn ġie dikjarat li l-valur tal-fond O'Connor's Pub and Restaurant liberu u frank kien ta' €850,000 filwaqt li l-valur tal-maisonette Betsalem, il-valur liberu u frank kien ta' €60,000;

**Rat** li b'rikors tas-27 ta' Ġunju 2008 il-Bank talab lill-Qorti sabiex jawtorizzah joffri fis-subbasta *animo compensandi* skont kif dispost fl-Artikolu 333 et seq tal-Kapitolu 12 għall-proprjeta immobbiljari tas-soċjeta Crown Hotels;

**Rat** li bir-risposta tagħha s-soċjeta Crown Hotels ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2008 opponiet għall-aħħar talba għaliex allegat li l-ammont dovut mhux kif imsemmi fir-rikors tat-8 ta' Mejju 2007;

**Rat** ir-replika tal-BoV tal-21 ta' Ġunju 2008 għall-oppożizzjoni tas-soċjeta Crown Hotels għall offeri *animo compensandi*;[1]

**Rat** illi fis-26 ta' Ġunju 2008 il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet ir-rikors tat-8 ta' Mejju 2007 u għażlet jum u ħin għal bejgħ bl-irkant tal-fondi msemmija;

Rat id-digrite tal-Qorti tat-23 ta' Lulju 2008 fejn laqgħet it-talba u awtorizzat lill-BoV joffri *animo compensandi* fis-subbasta;[2]

**Rat** in-nota tal-Bank ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2008 fejn biha talbet is-sospensjoni tal-atti tas-subbasta peress li kien intlaħaq arranġament bonarju bejn il-partijiet;

**Rat** in-nota tal-Bank ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2008 fejn iddikjara li għandu interess li l-bejgħ in subasta jsir sabiex jitħallas id-debiti dovut lilu;

[1] Paġna 62 tal-proċess.
[2] *ibid.* Paġna 64 tal-proċess.

**Rat** li fl-1 t'Ottubru 2008 HSBC Bank Malta p.l.c (minn issa 'l quddiem msejjaħ 'HSBC') ippreżenta nota fejn daħal bħala kreditur eżekutant ieħor fis-subbasta a tenur tal-Artikolu 346 tal-Kapitolu 12 u dan peress illi s-soċjeta Crown Hotels hija debitriċi tiegħu fis-somma ta' Lm1,090,000 (ekwivalenti għal €2,539,017) flimkien mal-imgħax relattiv, liema somma hija reza eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Novembru 2006. Is-somma globali dovuta hija ta €3,733,919.57 fejn €3,372,826.58 huma kapital u s-somma ta €401,092.99 hija imgħaxijiet sat-28 ta' Novembru 2007 oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-29 ta' Novembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv. Fl-istess Nota, il-Bank qiegħed jipparteċipa ukoll bi kreditu ieħor dovut mis-soċjeta Crown Hotels bħala garanti solidali ta' Sovereign Hotels Ltd, liema kreditu huwa reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 2006 fis-somma ta:

**a.** €3,537,251.25 kapital u €535,638.57 bħala interessi mill-21 ta' Lulju 1998 sat-3 ta' Lulju 2001u €230,891.10 imgħax bir-rata ta' 8% mit-3 ta' Lulju 2001 sad-data tal-kuntratt u ċioe 20 ta' Ġunju 2002 u imgħax ultejui mill-21 ta' Ġunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv. Jingħad ukoll li sal-21 t'Awwissu 2008 il-kapital li għandha tħallas is-soċjeta Sovereign Hotels Ltd huwa ta' €3,181,928.26 oltre l-imgħax li sal-imsemmija data kien jammonta għal €1,227,625.31 oltre imgħax legali ulterjuri dovut mit-22 t'Awwissu 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

**b.** €624,908.69 bħala kapital u €54,420.26 imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena mit-3 ta' Lulju 2001 sad-data tal-kuntratt u ċioe 20 ta' Ġunju 2002u imgħaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Ġunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv. Minn dan l-ammont il-kumpanija Sovereign Hotels Ltd sal-21 t'Awwissu 2008 għadha trid tħallas is-somma ta '€135,819.92 bħala kapital oltre l-imgħa li sal-imsemmija data kien ta' €148,260.43 oltre imgħax legali ulterjuri dovut mit-22 t'Awwissu 2008 sad-data tal-pagament effettiv;

**Rat** li b'digriet tal-1 t'Ottubru 2008, il-Qorti ordnat il-bejgħ bl-irkant tal-fondi imsemmija aktar 'l fuq;

**Rat** in-nota tat-22 ta' Jannar 2009 ippreżentanta minn Bank of Valletta p.l.c. li biha ssospenda l-atti tas-subbasta stante arranġament bonarju bejn il-partijiet;

**Rat** in-nota tat-30 ta' Jannar 2009 tal-Bank HSBC fejn iddikjara li għadu dovut il-kreditu lilu u li għandu kull interess li s-subbasta tkompli;

**Rat** id-digriet tat-2 ta' Frar 2009 fejn għal darb'oħra ordnat il-bejgħ tal-fondi fuq imsemmija bl-irkant;

**Rat** li ma kien hemm l-ebda offerenti għall-bejgħ bl-irkant tal-proprjeta su-indikati;

**Rat** in-nota ta' BoV ippreżentata fil-21 ta' Mejju 2009 u n-nota ta' HSBC fejn it-tnejn urew li għad għandhom interess li l-bejgħ in subbasta jsir;

**Rat** li b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2009, il-Qorti reġgħet appuntat il-bejgħ bl-irant għal data oħra;

**Rat** in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'KTI') ippreżentata fit-3 ta' Diċembru 2009 fejn bis-saħħa tagħha daħal bħala kreditur eżekutant u dan stante li jinsab kreditur ta' Ronald Azzopardi personalment u bħala direttur għan-nom tas-soċjeta Crown Hotels fis-somma ta' €295,797.81 fi ħlas ta' FSS u SSC. Minn din is-somma €153,880.73 huma dovuta wkoll fi ħlas taħt l-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kapitolu 318) għall-perjodu snin bażi 2002 u 2003, u dan skont l-ittra uffiċjali tal-20 t'April 2005 flimkien mal-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv. Jingħad f'din in-nota li l-kreditu dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa privileġġjat skont il-Kapitolu 318 u *ex lege* jippregradwa fuq il-kredituri kollha fis-subbasta;

**Rat** ir-rikors tal-KTI ippreżentat ukoll fit-3 ta' Diċembru 2009 fejn talab illi fl-eventwali bejgħ tal-immobbli, l-Qorti jogħġobha tordna li r-rikavat jigi ddepozitat mix-xerrej taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex jigi zbankat mill-KTI.[3]

**Rat** li KTI fit-3 ta' Diċembru 2009 ippreżenta rikors ieħor fejn talab lill-Qorti tawtorizzah joffri fis-subasta *animo compensadni* għall-proprjeta immobiljari tas-soċjeta Crown Hotels;[4]

**Rat** in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'Kummissarju tal-VAT') tal-4 ta' Diċembru 2009 fil-kwalita' tiegħu ta' kreditur eżekutant peress li huwa kreditur tas-soċjeta intimata fis-somma ta' €50,277.12 bħala taxxa fuq il-Valur Miżjud ai termini tal-Att XXIII tal-1998 flimkien mal-imgħax legali sal-pagament effettiv. Jingħad fin-nota li ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 406, huwa kreditur privileġġjat;

**Rat** ir-rikors tal-Kummissarju tal-VAT ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2009 fejn talab lill-Qorti jogħġobha tordna li fl-eventwali bejgħ tal-proprejta fuq

[3] *ibid.* Paġna 195 et seq tal-proċess.
[4] *ibid.* Paġna 216 et seq tal-proċess.

imsemmija r-rikavat jiġi depożitat taħt l-awtorita tal-Qorti sabiex jiġi minnu żbankat in vista tal-privileġġ li huwa jgawdi;[5]

**Rat** li l-Kummissarju tal-VAT ippreżenta rikors ieħor fl-4 ta' Diċembru 2009 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah joffri fis-subasta *animo compensadni* għal proprjeta immobiljari tas-soċjeta Crown Hotels;[6]

**Rat** ir-rikors tas-soċjeta Crown Hotels tal-10 ta' Diċembru 2009 fejn permezz tiegħu ikkontestat t-titoli eżekuttivi vantati minn HSBC għar-raġunijiet hemm mogħtija;[7]

**Rat** li fl-10 ta' Diċembru 2009, Ronald Azzopardi iddepożita s-somma ta' €186.36 permezz ta' ċedola ta' depożitu sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-sospenzjoni tal-bejgħ;[8]

**Rat** ir-risposta ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2009 mill-Bank HSBC fejn spjega għalfejn it-talba tas-soċjeta Crown Hotels m'għandhiex tintlaqa;[9]

**Rat** ir-risposta tal-BoV ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2009 fejn opponiet li l-KTI għandu jippregradwa qabel kwalunkwe kreditur ieħor u dan stante li tali talba tmur dijametrikament kontra għal dak li jipprovdi l-Artikolu 328 et seq tal-Kapitolu 12 rigward bejgħ in subasta u kif ukoll il-proċedura stabbilita skont l-Artikolu 416 et seq tal-istess kapitolu rigwardanti il-konkorsi ta' kredituri. Jinsisti wkoll li huwa munit b'ipoteki li jippregradwaw dak ta' kredituri oħra inkluż tal-KTI;[10]

**Rat** in-nota tal-BoV ippreżentata fis-16 ta' Diċemrbu 2009 għat-tieni rikors tal-KTI ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2009 fejn oppona għal dik it-talba in vista li huwa jippregradwa qabel kull kreditur ieħor u wkoll għaliex ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru nurmu 670/2009 li jikkostitwixxi wkoll oppożizzjoni għat-talba biex isiru offerti *animo compensandi* kif jipprovdi l-Artikolu 335 (3) tal-Kapitolu 12;[11]

**Rat** ir-risposta tal-BoV ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2009 għar-rikors tal-Kummissarju tal-VAT ippreżentat fl-4 ta' Diċembru fejn għall-istess raġuni mogħtija in risposta għar-rikors tal-KTI, oppona għat-talba li jippregradwa qabel kull kreditur;[12]

---

[5] *ibid.* Paġna 247 et seq tal-proċess.
[6] *ibid.* Paġna 252 et seq tal-proċess.
[7] *ibid.* Paġna 98 et seq tal-proċess.
[8] *ibid.* Paġna 188 tal-proċess.
[9] *ibid.* Paġna 189 et seq tal-proċess.
[10] *ibid.* Paġna 201 et seq tal-proċess.
[11] *ibid.* Paġna 222 tal-proċess.
[12] *ibid.* Paġna 234 et seq tal-proċess.

**Rat** ir-risposta tal-BoV ippreżentata wkoll fis-16 ta' Diċembru 2006 fejn oppona għat-talba sabiex isiru offerti *animo compensandi* mill-Kummissarju tal-VAT ghall-istess raġunijiet mogħtija għal rikors simili magħmul mill-KTI;[13]

**Rat** id-digriet tas-17 ta' Diċembru 2009 fejn il-Qorti għar-raġunijiet hemm mogħtija ċaħdet it-talba tas-soċjeta Crown Hotels kif imressqa fl-10 ta' Diċembru 2009;[14]

**Rat** li fis-17 ta' Diċembru 2009 u ċioe id-data tax-Xandir għal bejgħ deher HSBC li għall-ewwel proprjeta offra €56,380, kif ukoll BoV li għat-tieni proprjeta offra €15,000. Billi ma deher ħadd aktar biex jagħmel offerta, il-proprjetijiet ġew liberati bil-prezzijiet imsemmija; [15]

**Rat** li fil-21 ta' Diċembru 2009, deher Joe Borg Cardona in rappreżentanza tal-BoV li offra €15,450 *animo compensandi* għat-tieni proprjeta u ċioe il-maisonette, Betsalem u s-somma ta' €58,100 *animo compensandi* għall-ewwel proprjeta u ċioe l-bar u restaurant;[16]

**Rat** id-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Diċembru 2009 fejn it-talba tal-KTI imressqa b'rikors fit-3 ta' Diċembru 2009 ġiet miċħuda;[17]

**Rat** id-digriet tal-24 ta' Diċembru 2009 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-KTI sabiex joffri fis-subasta *animo compensadni* għall-proprjeta immobiljari tas-soċjeta Crown Hotels bil-kundizzjoni kif kontenuta fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 12;[18]

**Rat** id-digriet tal-24 ta' Diċembru 2009 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Kummissarju tal-VAT sabiex jiġi ordnat id-depożitu tal-kreditu sabiex jiġi minnu żbankat;[19]

**Rat** id-digriet tal-24 ta' Diċembru 2009 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-Kummissarju tal-VAT sabiex joffri fis-subasta *animo compensadni* għal proprjeta immobiljari tas-soċjeta Crown Hotels bil-kundizzjoni kif kontenuta fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 12;[20]

---

[13] *ibid.* Paġna 257 tal-proċess.
[14] *ibid.* Paġna 193 tal-proċess.
[15] *ibid.* Paġna 93 tal-proċess.
[16] *ibid.* Paġna 95 et seq tal-proċess.
[17] *ibid.* Paġna 212 tal-proċess.
[18] *ibid.* Paġna 232 tal-proċess.
[19] *ibid.* Paġna 245 tal-proċess.
[20] *ibid.* Paġna 267 tal-proċess.

**Rat** l-ordni tal-Qorti tas-6 t'April 2010 fejn idekretat li fis-27 ta' Mejju 2010 għandu jsir l-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjeta fuq imsemmija;

**Rat** li fis-27 ta' Mejju 2010, waqt ix-Xandir deher l-Bank HSBC li offra €474,000 fuq l-ewwel proprjeta filwaqt li l-Bank BoV offra €474,100 u għat-tieni proprjeta ma dehrux offerenti u għalhekk baqgħet tgħodd l-offerta tal-BoV fis-somma ta' €15,450;

**Rat** iċ-ċedola ta' kompensazzjoni tas-soċjeta BoV ippreżentata fit-2 ta' Ġunju 2010 fejn bis-saħħa tagħha sar il-kumpens fis-somma ta' €489,550 għall-akkwist tal-fondi imsemmija aktar 'l fuq u dan akkont tad-debitu tas-soċjeta Crown Hotels mall-istess Bank;

**Rat** ir-rikors ta' kompensazzjoni tal-BoV ippreżentat ukoll fit-2 ta' Ġunju 2010 fejn talab lill-Qorti tapprova ċ-ċedola ta' kompensazzjoni;

**Rat** ir-risposta tas-soċjeta Crown Hotels ppreżentat fl-14 ta' Ġunju 2010 fejn enfassizat li l-BoV għandu jiġi obbligat jiddepożita l-prezz tax-xiri tal-proprjeta sabiex ir-rikavat jinqasam bejn minn mill-kredituri għandu dritt għall-istess rikavat;

**Rat** ir-risposta tal-Kummissarju tal-VAT ippreżentata fil-15 ta' Ġunju 2010 fejn oppona għal-bejgħ tal-proprjeta bil-mezz ta' kompensazzjoni in vista jikkontendi li l-Kummissarju huwa privileġġat u jippregradwa qabel kull kreditur ieħor. Il-Kummissarju għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar 2009 fl-isem Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Rik Nru 53/2006, għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tad-19 t'Ottubru 2009 fl-ismijiet Charles Farrugia bħala direttur uniku tal-kumpanija IFIX Trade Ltd vs. Ifix Trade Ltd kif ukoll għas-sentenza tat-18 ta' Novembru 2009 fil-Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit et (Ċit Nru 831/2007);

**Rat** ir-risposta tal-KTI ppreżentata fil-15 ta' Ġunju 2010 fejn oppona għat-talba tal-Bank BoV u għadda sabiex jgħid li l-prezz għandu jiġi depożitat il-Qorti sabiex ikun jista' jenforza l-kreditu privileġġjat tiegħu;

**Rat** ir-replika tal-BoV ppreżentata fl-20 t'Awwissu 2010 għar-risposti tal-Kummissarju tal-VAT u l-KTI fejn talab lill-Qorti tirrispinġi l-oppossizzjoni tagħhom;

**Rat** id-digriet tal-Qorti tas-26 t'Awwissu 2010 fejn iddegretat hekk: "Peress li jirrizulta li hemm aktar minn kreditur wiehed li ghandu interess f'dan id-depositu skond l-artikolu 339 tal-Kapt XII hemm lok ghall konkors tal-

kredituri u ghalhekk skond l-istess artikolu u l-artikolu 416 tal-istess kapitolu tiftah quddiemha l-process tal-konkors [...]"[21];

**Rat** iċ-ċedola ta' depożitu li saret mill-BoV fit-13 ta' Settembru 2010 bħala garanzija bankarja fis-somma ta' €489,550 u ċioe l-prezz intier tal-fondi subbastati, animo ritirandi fil-każ biss li r-rikors għall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni jiġi miċħud mill-Qorti;

**Rat** ir-rikors tal-BoV ippreżentat kontestwalment maċ-ċedola ta' depożitu fejn talab dikjarazzjoni li l-garanzija tal-Bank favur il-Kummissarju tal-VAT u l-KTI hija suffiċjenti ai termini tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 12 u sabiex tapprova il-kompensazzjoni magħmula permezz taċ-ċedola ppreżentata fit-2 ta' Ġunju 2010;

**Rat** id-digriet tal-4 t'Ottubru 2010 fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet kif dedotti;

**Rat** ir-rikors tas-soċjeta Crown Hotels ppreżentat fit-12 ta' Ġunju 2012 fejn talbet lill-Qorti tiffissa jum u ħin għas-smigħ tal-konkors tal-kredituri miftuħ permezz tad-digriet tas-26 t'Awwissu 2010;

**Rat** id-digriet tal-15 t'Ottubru 2012 fejn il-Qorti laqgħet it-talba u appuntat il-konkors u rat li fl-istess ġurnata inħareġ Avviż għas-smigħ tal-kawża li issa jġib ir-**Rikors Nru 1089/2012;**

Rat ir-rikors tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2012 fejn talab lill-Qorti tammettih fil-lista tal-kredituri in vista li huwa kreditur ta' Ronald Azzopardi proprio et nomine fis-somma ta' €185,315 dovut bħala taxxa u kontriubzzjonijiet soċjali għas-snin Bażi 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009;

Rat li l-Qorti fit-30 ta' Novembru 2012 laqgħet it-talba tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni);

Rat ir-rikors tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ippreżntat fit-30 ta' Novembru 2012 li wkoll talab lill-Qorti tammettih fil-lista tal-kredituri in vista li huwa kreditur ta' Ronald Azzopardi proprio et nomine fis-somma ta' €50,277.12 bħala taxxa fuq il-valur miżjud[22];

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2012 fejn laqgħet it-talba tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud);

---

[21] Paġna 289 tal-proċess.
[22] B'nota korrettorja tal-4 ta' Marzu 2013, id-Direttur Ġenerali kkjarifika li mis-somma €50,277.12, €36,632.42 huma taxxa; €4,817.75 huma penali u €8,826.95 huma imgħax.

Rat in-nota korrettorja tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ppreżentata fit-28 ta' Frar 2013 fejn ippreċiża li l-ammont dovut huwa ta' €339,195.73 u mhux €185,315;

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta u tas-soċjeta Arms Ltd tal-31 ta' Mejju 2013 fejn talbu lill-Qorti tammettihom fil-lista tal-kredituri in vista li huma kredituri tas-soċjeta Crown Hotels fis-somma ta' €468,209.48 sorte u €12,222.45 imgħax sas-17 t'Awwissu 2012 flimkien ma' imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u dan skont l-att pubbliku tan-Nutar John Gambin datat 23 ta' Novembru 2012 fejn is-soċjeta Crown Hotels ikkostitwiet ruħha bħala debitur tagħhom u debitu ġie għalhekk reż eżekuttiv. B'att pubbliku datat 30 t'Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo is-soċjeta Crown Hotels kkostitwiet ruħha bħala debitur tal-Enemalta u tal-Arms flimkien mas-soċjeta Sovereign Hotels Ltd u Ronald Azzopardi , dawn it-tnejn tal-aħħar bħala garanti solidali għal ħlas tas-somma ta' €516,893.59 flimkien ma' imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, liema ammont ġie kkonfermat u l-att reġa sar eżegwibbli permezz tas-sentenza tal-15 ta' Frar 2013. Permezz tal-kuntratt tat-30 t'Ottubru 2007, Korporazzjoni Enemalta u ARMS Ltd jinsabu muniti b'ipoteka reġistrata fit-13 ta' Novembru 2007;

Rat ir-rikors tal-BoV ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2013 fejn talab li l-kreditu tiegħu jiġi ammess u gradwat fil-lista tal-kredituri in vista li huwa kreditur tal-konjuġi Azzopardi fis-somma ta' €1,819.485.30 u kreditur tas-soċjeta Crown Hotels fis-somma ta' €1,250,177 flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mid-9 t'Awwissu sal-jum tal-pagament effettiv flimkien mas-somma ta' €37,134.05 spejjeż tal-kawża Bank of Valletta plc vs. Ronald Azzopardi et (Ċit Nru 877/2005). Fl-istess BoV jinsisti li huwa jippregradwa kwalsiasi kreditur ieħor u li jinsab munit b'Ipoteka numru I13453/2004 reġistrata fid-19 ta' Lulju 2004[23] kif ukoll ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru numru 670/2009 kif jipprovdi l-Artikolu 335 (3) tal-Kapitolu 12;

Rat illi fis-16 ta' Jannar 2014 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lil Dr. Richard Galea Debono bħala Perit Legali sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-partijiet u jirrediġi rapport dwar il-kwistjonijiet kollha;

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi ġia Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tad-19 ta' Diċembru 2014 fejn talab iz-żieda fl-ammont minnu reklamat bis-somma ta' €21,545.37 li jkopru VAT, penali u interessi;

---

[23] Kreditu ta' Lm503,000 flimkien mal-imgħax; Kawża ta' Preferenza: Ipoteka ġenerali fuq l-assi presenti u futuri tal-konjuġi Azzopardi u tas-soċjeta Crown Hotels u ipoteka speċjalil fuq fond ġewwa Xagħra, Għawdex u proprjetajiet oħra f'Tas-Sliema. B'nota ta' Ridużżjoni irreġistrata fis-7 ta' Settembru 2004, il-Bank ċeda l-ipoteka ġenerali kontra Crown Hotels Ltd – Paġna 236 et seq tal-proċess.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi tal-5 ta' Novembru 2014 illi l-ammont ta' VAT, interessi u penali dovut jammonta issa għal €100,713.60, fejn €69,130.34 huma taxxa, €25,693.60 ikopru interessi u rimanenti €5,889.66 huma penali;

Rat li fil-5 ta' Jannar 2015, il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba;

Rat in-nota tal-BoV ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2016 li permezz tagħha ġie esebit Taxxa uffiċjali tal-ispejjeż u drittijiet dovuti fil-kawża Bank of Valletta p.l.c. vs. Crown Hotels Ltd deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014;

Rat li l-proċedura tal-iżbank tal-ispejjeż dovuti lil BoV skont it-taxxa imsemmija ġiet finalizzata;

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 l-Qorti ġiet informata li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni żbanka ammonti akkont tal-kreditu lilu dovut b'dan li l-ammont bilanċjali lilu dovut ġie ridott għal ċirka €930 bl-imgħax;

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2019 l-Qorti, fuq talba tal-BoV, ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawżi numri waaaz565/2010 AE u 628/2010 AE rispettivament;

Rat ir-**rapport tal-Perit Ġudizzjarju Dr. Richard Galea Debono ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2020 u maħluf fit-2 ta' Frar 2021;**[24]

Rat illi għalkemm ingħataw il-fakolta', ħadd mill-partijiet ma għamel l-eskussjoni tal-perit legali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta ARMS Ltd fl-1 ta' Lulju 2021[25], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank of Valletta plc ippreżentata fit-2 t'Awwissu 2021[26] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taxxi Interni) u (VAT) ippreżentata fid-29 t'Ottubru 2021[27];

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-konkors odjern huwa wieħed minn tlett konkorsi ta' kredituri li infetħu fuq assi tas-soċjeta Crown Hotels Ltd.

---

[24] Paġna 548 et seq tal-proċess.
[25] Paġna 624 et seq tal-proċess.
[26] Paġna 362 et seq tal-proċess.
[27] Paġna 657 et seq tal-proċess.

L-ewwel konkors kien il-kawża bl-isem **HSBC Bank Malta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 565/2010) li ġiet definitivament deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Marzu 2014 fejn ġie deċiż is-segwenti:

> "L-ewwel grad: HSBC Bank Malta plc ghall-ispejjez gudizzjari ammontanti ghall-tlieta u ghoxrin elf, mitejn, sebgha u tletin Euro u seba' centezmi (€23,237.07);
>
> Tieni grad: Direttur Generali tat-Taxxa Interni fis-somma ta' tliet mija, wiehed u ghoxrin elf u mitt Euro (€321,100) ghas-snin 2002 sa 2009, bl-imghax;
>
> Tielet grad: Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija, wiehed u erbghin Euro u disgha u sittin centezmi (€51,841.69), bl-imghax ghal perjodu mill-1 ta' Gunju 2006, sal-1 ta' Settembru 2011;
>
> Raba' grad: HSBC Bank Malta plc ghal-tliet miljun, tliet mija, tnejn u sebghin elf, tmien mija sitta u ghoxrin Euro u disgha u hamsin centezmi (€3,372,826.59) kapital, u miljun, hames mija tlieta u hamsin elf, erba' mija, wiehed u sittin Euro u tmienja u tletin centezmi (€1,553,461.38) imghax sat-30 ta' Dicembru 2011;
>
> Hames grad: Simonds Farsons Cisk plc, u Diretturi Generali tat-Taxxa Interni u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-kumplament tal-krediti taghhom, pari passu"

It-tieni konkors wkoll ġiet definitivament deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) bis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010) fejn ġie konkluż hekk:

> "L-ewwel grad: Il-Bank of Valletta p.l.c. ghall-ispejjez gudizzjari kollha minnha nkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha u tas-subasta numru 127/07;
>
> It-tieni grad: Id-Direttur Generali tat-Taxxi Interni, huwa awtorizzat, kif iddecidiet l-ewwel Qorti, jizbanka dak li jibqa' mis-somma depozitata ta' mija u hamsa u tletin elf ewro (€135,000), akkont ta' dak dovut lilu.
>
> Peress illi wara li jsiru dawn l-izbanek, mhux se jibqa' flus ghall-konkorrenti l-ohra, mhux mehtieg li din il-Qorti tipprovdi ghal gradwazzjoni ulterjuri"

Ikkunsidrat;

Fil-konkors odjerna erbgħa huma l-kredituri: Kummissarju tat-Taxxi (ġia Direttur Ġenerali (Valur Miżjud)), Kummissarju tat-Taxxi (ġia Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), Bank of Valletta plc u l-Automated Revenue Management Services Ltd u Korporazzjoni Enemalta.

**Krediti Konkorrenti**.

**Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)**:

**€396,195.73** konsistenti f'taxxi (FSS) u kontribuzzjonijiet soċjali (KSS) ta' snin bażi 2004 sa 2009.

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud):**

**€100,713.60**[28] konsistenti f'VAT mhux imħallas mill-1 ta' Diċembru 2005;

**Bank of Valletta p.l.c**.

B'sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Ronald Azzopardi et (Ċit Nru 877/2005) deċiża fis-27 ta' Ġunju 2006** il-bank ġie kanonizzat kreidtur tal-konjuġi Azzopardi fis-somma ta' **€1,819,485.30** u kreditur tas-soċjeta Crown Hotels Ltd fis-somma ta' **€1,250,177** flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri fuq iż-żewġ ċifri mid-9 t'Awwissu 2005, oltre l-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal €37,134.05. L-ispejjeż ġudizzjarji imsemmija ġew żbankati mill-BoV fil-mori ta' dan il-konkors.

**Automated Revenue Management Services Ltd u Koporazzjoni Enemalta**.

**€468,209.48** bħala sorte flimkien ma' imgħax liema kreditu joħroġ minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar John Gambin tat-23 ta' Novembru 2012.

**€483,245.08** flimkien ma' imgħaxijiet sal-pagament effettiv rappreżentanti s-somma ta' €516,893.59 riżultanti minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Marco Burlo tat-30 t'Ottubru 2007 bl-imgħax, minn liema somma tħallsu xi pagamenti.

[28] Nota f'paġna 395 tal-proċess: €69,130.34 taxxi, €25,693.60 interessi u €5,889.66 penali.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Xehed **Noel Mangion**, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taxxi Interni), permezz t'affidavit fejn spjega li l-imsemmi Kummissarju huwa kreditur ta' Ronald Azzopardi personalment kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Crown Hotels Ltd ta' taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali fis-somma ta' €386,188.41. Jgħid li Ronald Azzopardi ġie interpellat sabiex iħallas diversi drabi fosthom b'ittra uffiċjali tal-20 t'April 2005 għas-snin 2002 u 2003 u ittra uffiċċjali oħra fis-17 ta' Novembru 2011 għas-snin 2004 sa 2009.

Id-dipartiment għadda sabiex ħareġ Avviż ta' Nuqqas ta' Tħaris fis-7 ta' Diċembru 2011 li kien ikopri pendenzi għas-snin 2002 sa 2010. In segwitu għal dan l-Avviż inħareġ Avviż ta' Talba għal Ħlas fil-15 ta' Frar 2012 li jkopri l-istess snin. Ix-xhud għadda biex spjega li l-pendenzi għas-snin 2011 u 2012 ma tħallsux lanqas. Spjega li fuq dawn l-ammonti hemm dovut t-taxxa addizzjonali skont ir-regola 24 (1) tar-Regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372) u l-interessi skont l-Artikolu 116 (1) (b) tal-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kapitolu 318) liema ammonti ġew indikati fl-ittri uffiċċjali u li jibqgħu jiżdiedu sakemm isir il-ħlas tal-ammont dovut.

Xehed **Manfred Barbara** għan-noma tal-Kummissarju tat-Taxxi (Valur Miżjud) permezz t'affidavit. Spjega li l-imsemmi dipartiment għandu jitħallas is-somma ta' €50,277.12 bħala taxxa fuq il-Valur Mizjud, penali u interessi liema ammont intalab jitħallas b'Avviż ta' Talba għal Ħlas, liema ġiet segwieta b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 2009 li rrendiet eżegwibbli l-ammont imsemmi. Is-somma dovuta ma tħallsitx u għalhekk jgħid li inħareg Mandat ta' Sekwestru numru 1929/2009.[29]

Xehed **John Saliba**, rappreżentant tal-Korporazzjoni Enemalta. Jgħid li s-soċjeta Crown Hotels Ltd ilha debitur tal-Korporazzjoni għal konsum tal-utilitajiet iżda qatt ma sar xi ħlas biex jibdew jitnaqsu l-pendenzi. Spjega li fit-30 t'Ottubru 2007, il-Korporazzjoni daħlet fi ftehim ta' kostituzzjoni ta' dejn mal-imsemmija soċjeta b'Sovereign Hotels Ltd u Ronald Azzopardi bħala garanti solidali għal ħlas tal-ammont ta' €516,893.59 flimkien mal-imgħax sad-data tal-ħlas. Spjega li mis-somma hawn imsemmija saru xi ħlasijiet u t-total għalhekk niżel għal €483,245.08 u interessi fis-somma ta' €262,830.62 b'total dovut għalhekk ta' €746,075.70. Spjega li l-ftehim fuq imsemmi reġa

[29] Skont Dok CH9 mill-1 ta' Ġunju 2006 sal-31 t'Awwissu 2013 it-total dovut kien ta' €93,382.96 fejn €69,130.34 huwa taxxa, €5,869.66 penali u €21,382.96 interessi.

ġie reż eżegwibbli permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-15 ta' Frar 2013 fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta et vs. Crown Hoteld Ltd et (1233/2012AE).

Xehed **Reuben Bonnici** rappreżentant tas-soċjeta ARMS Ltd fejn spjega li s-soċjeta Crown Hotels hija debitriċi tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għall-Ilma għall-konsum ta' servizzi tad-dawl u ilma u li hemm ammonti li għadhom pendenti. Ix-xhud għadda sabiex jikkonferma dak li ingħad mix-xhud Manfred Bonnici rigwardanti s-somom dovuti lill-Korporazzjoni Enemalta u l-ftehim li sar. Jgħaddi sabiex jgħid li apparti l-ammont imsemmi minn Manfred Bonnici hemm tlett kontijiet oħra li huma reġistrati f'isem Crown Hotels Ltd li baqgħu ma tħallsux u ċioe is-somma ta' €1,300.31 bħala kapital eskluż imgħax bir-rata ta' 6%, €521,731.19 bħala kapital eskluż l-imgħax bir-rata ta' 6% u €1,413.37 bħala kapital eskluż l-imgħax bir-rata ta' 6%. L-interpellazzjoni għall-ħlas ta' dawn l-ammonti sar ukoll permezz ta' Ittra Uffiċjali 2871/2012. Ix-xhud spjega li sar kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu mal-Arms Ltd fit-23 ta' Novembru 2012 "fejn ikkonferma bic-car li l-ammonti dovuti fuq il-kontijiet imsemmija hawn fuq u fl-ammont ta' €468,209.48 kapital flimkien ma' €12,222.45 imghax sas-17 t'Awwissu 2012 u imghax ulterjuri sad-data tal-pagament"[30]. Il-ħlas baqa ma sarx u għalhekk ippreżentat ittra uffiċjali numru 3968/2012 segwita b'Mandat ta' Sekwestru 116/2013 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs. Crown Hotelds Ltd iżda ma sar l-ebda depożitu fl-atti tal-Mandat.

Xehed ukoll **Joseph Grixti** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta fejn spjega li ingħatat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Ġunju 2006 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs. Ronald Azzopardi et (Ċit Nru 877/2005) fejn il-Qorti ikkanonizzat il-kreditur favur il-BoV għas-somma ta' €1,819,485.34 kontra l-konjuġi Azzopardi u għas-somma ta' €1,250,177.03 kontra s-soċjeta Crown Hotels Ltd bl-interessi mid-9 t'Awwissu 2005 sal-pagament effettiv u bl-ispejjeż ġudizzjarji.

Ġiet reġistrata ipoteka kontra Ronald u Mariella Azzopardi u kontra Crown Hotels Ltd bħala garanti.

**Fis-6 ta' Settembru 2010 il-bank ħareġ garanzija bankarja għas-somma ta' €489,550 rigward il-proprjetiet fis-subasta 47/2007 u ċioe O'Connor's Pub & Restaurant u maisonette Betsalem it-tnejn fi Triq San Artistarcus, Buġibba** kien xtara bis-subbasta animo compensandi.

Ikkunsidrat;

[30] Paġna 594 tal-proċess.

**Sunt tal-proċedura tas-subbasta 127/2007 li ġiet segwieta b'rikors 628/2010**

Fl-imsemmija proċedura inbiegħu s-segwenti propjetajiet: (a) l-arja destinata għal *mainsonette* numru 1, mhux mibni, Triq San Aristarcus, San Pawl il-Baħar fil-prezz ta' €90,000 *animo compensandi* mill-Bank of Valletta, u (2) *maisonette* internament markat 2, formanti parti mill-blokk ta' bini Carm Joe, Triq San Aristarcus, San Pawl il-Baħar fil-prezz ta' €45,000 *animo compensandi* mill-istess Bank. B'ċedola tat-12 ta' Lulju 2010, il-Bank of Valletta talab għal approvazzjoni ta' garanzija flok id-depożitu iżda b'digriet tat-30 ta' Marzu 2011, il-Qorti ċaħdet it-talba stante li dak li jgħid l-Artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili, bil-garanzija l-bank ma intrabatx li jagħmel tajjeb għall-obbligu ta' ħaddieħor iżda għall-obbligu tiegħu stess u għalhekk il-garanzija ma tiswix għall-finijiet meħtieġa f'dik is-subbasta. In segwitu l-BoV ippreżenta ċedola ta' depożitu fis-somma totali ta' €135,000.

Fil-proċeduri għal konkors ta' kredituri, il-Kummissarju talab għall-ħlas tas-somma ta' €185,315 għas-snin bażi 2004 – 2009. Xehed Noel Mangion għall-imsemmi Kummissarju nhar l-4 ta' Ġunju 2012 u spjega li għas-snin bażi 2002 – 2011, l-ammonti huma s-segwenti:

| **FSS** | **SSC** | **Taxxa Addizzjonali FSS** | **Taxxa Addizzjonali SSC** |
|---|---|---|---|
| €74,994 | €292,756.25 | €45,055 | €221,950.47 |
| | | | |
| | **Total FSS/SSC** | €367,780.25 | |
| | **Full Add Taxes** | €267,005.47 | |
| | **Total** | €634,755.72 | |

Il-Kummissarju għat-Taxxa tal-Valur Miżjud talab Taxxa mill-1 ta' Ġunju 2006 sat-30 ta' Novembru 2011 fis-somma ta' €67,659.68 fejn €51,841.69 huma taxxi, €5,454.71 huma penali u €11,272.28 imgħaxijiet.

Il-Bank of Valletta għamel talba ta' Lm781,105.06 (ekwivalenti għal €1,819,485.35). flimkien ma' Lm15,941.65 (ekwivalenti għal €37,134.05) spejjeż tal-kawza u ċioe l-istess talba li saret fil-kawża de quo.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Marzu 2014, il-Bank fl-14 ta' Ġunju 2017 żbanka s-somma ta' €41,693.25 konsistenti fi €39,365.26 spejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji b'Ċit Nru 877/2005 u €4,002.78 għal proċeduri tas-subbasta. Il-Kummissarju tat-Taxxi fit-2 ta' Marzu 2018 żbanka r-rimanenti somma u ċioe dik ta' €93,306.75.

Ikkunsidrat;

**Sunt tal-proċedura tas-subbast 128/2007 li ġiet segwieta b'rikors 565/2010**

F'din il-proċedura intalab il-bejgħ tal-Crown Hotel eskluż pero O'Connor's Pub & Restaurant. Il-bejgħ sar fil-prezz ta' €250,000 animo compensandi mill-bank HSBC Bank Malta plc. L-imsemmi Bank talab għall-approvazzjoni ta' garanzija flok id-depożitu iżda b'digriet tat-30 ta' Marzu 2011, il-Qorti ċaħdet it-talba stante li dak li jgħid l-Artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili, bil-garanzija l-bank ma intrabatx li jagħmel tajjeb għall-obbligu ta' ħaddieħor iżda għall-obbligu tiegħu stess. In segwitu l-Bank fis-6 t'April 2011 ippreżenta ċedola ta' depożitu fis-somma totali ta' €250,000.

Fil-proċeduri għall-konkors ta' kredituri (a) is-soċjeta Simonds Farsons ippreżenta rikors fis-6 ta' Diċembru 2011 għas-somma ta' €8,207.19, (b) il-Kummissarju għat-Taxxa tal-Valur Miżjud fl-20 ta' Diċembru 2011 ippreżenta rikors b'talba fis-somma ta' €50,177.12, (ċ) il-Kummissarju għat-Taxxi Interni għamel talba sabiex jikkonkori bi kreditu ta' €339,195.73 sena bażi 2002 – 2009 fejn €32,524 huma FSS (sena bażi 2004 – 2009), €152,791 SS (sena bażi 2004 – 2009), €33,158.63 (sena bażi 2002 – 2003) u €102,624.53 (sena bażi 2002 – 2003), u (d) HSBC Bank Malta plc sabiex jikkonkorri bi kreditu ta' €3,372,826.59 bħala kapital u €1,553,461.38 imgħax.

Jiġi osservat li Noel Mangion għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni spjega hawn ukoll bħal fil-proċedura surreferita li għas-snin bażi 2002 – 2011, l-ammonti lilu dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienu s-segwenti:

| **FSS** | **SSC** | **Taxxa Addizzjonali FSS** | **Taxxa Addizzjonali SSC** |
|---|---|---|---|
| €74,994 | €292,756.25 | €45,055 | €221,950.47 |
| | | | |
| | **Total FSS/SSC** | €367,780.25 | |
| | **Full Add Taxes** | €267,005.47 | |
| | **Total** | €634,755.72 | |

Ir-rappreżentant għall-Kummissarju għat-Taxxa tal-Valur Miżjud spjega li t-taxxa dovuta mill-1 ta' Ġunju 2006 sat-30 ta' Novembru 2011 kienet fis-somma ta' €67,659.68 fejn €51,841.69 huma taxxi, €5,454.71 huma penali u €11,272.28 imgħaxijiet.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Marzu 2014, il-Bank of Valletta fis-27 ta' Marzu 2015 żbanka s-somma ta' €23,237.07 spejjeż ġudizzajri. Il-Kummissarju tat-Taxxi fl-24 ta' Settembru 2018 żbanka r-rimanenti somma u ċioe dik ta' €133,456.18.

Ikkunsidrat;

**Sommarju tar-rapport tal-Perit Ġudizzjarju**

Il-Perit beda billi josserva li l-kontestazzjoni primarja tirrigwarda il-pretensjonijiet tal-erarju kemm in kwantu taxxa fuq id-dħul kif ukoll taxxa fuq il-valur miżjud liema kreditu baqa' jiġi aġġustat u jiżdied matul il-proċeduri, kif ukoll il-kwistjoni ta' preġradwazzjoni. Osserva wkoll li wieħed irid ikun kawt xi kreditu għad hemm pendenti in vista li kien hemm uħud mill-kredituri parteċpi fil-kawża odjerna li wkoll kienu involuti f'konkorsi ta' kredituri oħra li kienu mexijn kontra l-istess debituri.

Rigwardanti l-kreditu dovut lid-dipartimenti fiskali, il-Perit josserva li għalkemm wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li kreditur li kkonkorra f'proċeduri ta' konkors ma jistax ikompli jżied u jaġġusta l-pretensjonijiet tiegħu wara li jingħalqu l-proċeduri bil-miktub kif jipprovdi l-Artikolu 420 tal-Kaptiolu 12, fil-fehma tiegħu dak il-ħsieb imur kontra l-Artikolu 417 li jittratta l-*ius avocandi* fejn jippermetti li persuna li ma tkunx ipparteċipat b'talba fil-proċeduri ta' konkors tista' tippreżenta talba tagħha jekk jidhrilha li għandha kreditu. Il-Perit ġudizjarju jemmen li l-kreditur għalhekk jista' jimmodifika t-talbiet tiegħu f'ambitu ta' proċeduri ta' konkorsi ġia mibdija u li jkun qiegħed jipparteċipa fihom.

Il-Perit ġudizzjarju osserva li fil-**konkors BoV vs. Crown Hotels Ltd (628/2010)** saret talba mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-somma ta' €185,315 bħala taxxa u kontribuzzjoni soċjali għas-snin bażi 2004 sa 2009. Minn dik is-somma l-Kummissarju tat-Taxxi ġie awtorizzat li jiżbanka s-somma ta' €135,000 għalhekk ifisser li baqa' bilanċ ta' €50,315.

Fil-**konkors HSBC vs. Crown Hotels Ltd (565/2010),** il-Kummissarju tat-Taxxi beda mis-sena 2002 u baqa sejjer sas-sena 2011 fejn is-somma globali mitlub kienet ta' €339,195.73 li fiha tinkludi għalhekk is-soma ta' €185,315 li ġew mitluba wkoll fil-konkors numru 628/2010 ghas-snin bażi 2004 – 2009. Il-Perit issottometta li ma dawn żied pretensjoni fuq FSS u KSS għas-snin bażi 2002 u 2003 fis-somma ta' €135,787.71 li b'total għalhekk jiġi għas-somma ta' €321,102.73. Il-Kummissarju ġie awtorizza jiżbanka s-somma fl-intier tagħha. Qies għalhekk li inkwantu l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi ghas-snin bażi 2002 sa 2009, l-imsemmi fadalu jieħu €930.

F'dan il-konkors il-Kummissarju ressaq pretensjoni wkoll għas-snin 2010 sa 2013 liema perjodu m'huwiex kopert mill-iżbank li seħħ. In oltre tressqet talba għall-imgħax fuq is-somom kapitali li kienu ġew kanonizatti u ammessi fl-ammont ta' €143,970.22 għas-snin bażi 2002 – 2009[31]. Ir-rata applikata hija skont ir-Regolament 26 tal-L.S. 372.14 li jirreferri għall-Artikolu 44 (2A) tal-Kapitolu 372. Il-Perit jgħid li din is-somma hija ġustifikata.

Ma' din is-somma hemm it-talba fir-rigward ta' FSS u KSS għas-snin 2010 sa 2013 li huwa fis-somma ta' €78,765.42[32]. Skont il-Perit Ġudizzjarju l-oġġezzjoni tal-BoV dwar dawn l-ammonti hija nfondata u dan stante li sabiex tissussisti l-eċċezzjoni ta' *res judicata* iridu jikkonkorru tliet elementi li jkunu komuni kemm għal ġudikat kif ukoll għat-talba li tkun qiegħda ssir. Skond il-Perit Ġudizzjarju eadem res u eadem causa petendi m'humiex komuni għal dak li ġie ġudikat u għal dak li qiegħed jiġi mitlub. F'dan il-konkors saret talba għall-ħlas ta' taxxa oħra, apparti li m'hemm xejn żejjed jew skorrett fit-talba għall-imgħax, apparti li huwa magħruf illi l-imgħax isegwi l-prinċipal u jkun dovut daqskemm ikun dovut il-prinċipal jew kapital.

Fir-rigwarda tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud il-Kummissarju fl-aħħar ċifra mogħtija minnu kienet fis-somma ta' €118,405.38 fejn €69,130.34 huma taxxi, €43,295.38 huma interessi u €5,979.66 penali.

Fil-**Konkors 565/2010** is-somma mitluba kienet ta' €67,659.68[33] għall-perjodu 1 ta' Ġunju 2006 sal-1 ta' Settembru 2011. L-istess talba saret fil-**Konkors 628/2010**. Iċ-ċifri fil-konkors odjern jaslu sal-1 ta' Ġunju 2016, b'żieda għalhekk ta' ħames snin.

Il-prospett jikkostitwixxi avviż skont l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv *fino a prova contraria* liema prova kontrarja ma tresqitx. Il-Perit Ġudizzjarju hawn ukoll jikkonkludi li l-ilment ta' *res judicata* imressqa mill-BoV m'hijiex fondata.

Ġie osservat mill-Perit Ġudizzjarju li fir-rigward tal-kredituri ARMS Ltd u BoV plc ma kienx hemm kontestazzjonijiet dwar l-ammonti minnhom pretiżi.

Il-pretensjonijiet huma għalhekk is-segwenti:

| **Kummissarju tat-Taxxi** | |
|---|---|
| | **€** |
| Taxxa bilanċ sas-sena 2009 | 930 |

[31] Talba saret fin-nota ta' sottomissjonijiet f'paġna 437.
[32] €8,485 (FSS) + €3,333 (taxxa addizzjonali) + €48,243.73 (KSS) + €18,704.16 (taxxa addizzjonali KSS).
[33] €51,841.69 taxxa, €11,272.28 imgħax u €4,545.71.

| | |
|---|---|
| Imgħax dovut fuq it-taxxa sas-sena 2009 | 143,970.22 |
| Taxxa FSS għas-snin 2010 – 2013 | 8,485 |
| KSS ghas-snin 2010 – 2013 | 48,248.73 |
| Taxxa addizzjonali FSS sal-2013 | 3,333 |
| Taxxa addizjonali KSS sal-2013 | 18,704.16 |
| | |
| **Kummissarju tat-Taxxi (VAT)** | |
| | |
| VAT sas-sena 2016 | 69,130.34 |
| Imgħax | 43,295.38 (bl-interessi ulterjuri bir-rata skont il-liġi) |
| Penali | 5,979.66 |
| | |
| **Bank of Valletta plc** | €2,679,345.67 (flimkien mal-imgħax legali mill-31 ta' Jannar 2019) |
| | |
| **ARMS Ltd** | 560,342.19 (bl-imgħax bir-rata ta' 6% p.a. mit-30 t'Ottubru 2007) |
| | 460,209.48 (bl-imgħax bir-rata ta' 6% p.a. mit-23 ta' Novembru 2012) |

Fir-rigward tal-pregradwazzjoni, il-Perit Ġudizzjajru jissottometti li l-insenjament kontenuti fis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell hu fis-sens illi l-ispejjeż ġudizzjarji inkorsi mill-kreditur eżekutant igawdu l-ogħla privileġġ. Mill-atti jidher li BoV ġia tħallas l-ispejjeż relatati mall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu mill-konkors 628/2010 iżda jifdallu jiġi riżarċit l-ispejjeż tas-subbasta li wasslet għal dan il-konkors ċioe 47/2007. Il-Perit Ġudizzjarju osserva li għalkemm mal-qoxra tal-atti tas-subbasta hemm taxxa tal-ispejjeż, l-istess m'hijiex ttimbrata u lanqas iffirmata u għalhekk is-somma tal-ispejjeż ma tistax tiġi kkonfermata.

Il-Perit Ġudizzjarju jkompli illi wara l-ispejjeż ġudizzjarji, l-ewwel ordni ta' priorita tingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-ġbir tal-FSS u l-KSS. Dan il-privileġġ jestendi wkoll għat-taxxa addizzjonali u għall-kontribuzzjonijiet addizzjonali u dan skont l-**Artikolu 23 tal-Kapitolu 372** u skont l-**Artikolu 116 (3) tal-Kapitolu 318**.

Il-privileġġ li jgawdi l-Kummissarju għall-ġbir tal-VAT ma jestendix għall-penali iżda huwa limitat biss għat-taxxa u l-interessi fuqha.

Il-Perit Ġudizzjarju wasal għalhekk għas-segwenti konklużjoni:

**L-Ewwel Grad**: Bank of Valletta plc għall-ispejjeż tas-subbasta 47/2007 u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**It-Tieni Grad**: Kummissarju tat-Taxxi għar-rigward tal-FSS u KSS kif ukoll taxxa addizzjonali u imgħax għal dawn is-somom:

| | | |
|---|---|---|
| Taxxa bilanċ sas-sena 2009 | €930 | |
| Imgħax dovut fuq it-taxxa sas-sena 2009 | €143,970.22 | |
| Taxxa FSS għas-snin 2010 – 2013 | €8,485 | In kwantu €2167 dovuti għas-sena 2010 bl-imgħax mis-7 ta' Diċembru 2011<br><br>Għal bqija bl-imgħax mit-8 t'Ottubru 2014 u ċioe mid-data tal-Avviż tat-Tħaris[34]<br><br>l-imgħax ikun kalkolt skont l-Artikolu 44 (2A) tal-Kapitolu 372 |
| KSS għas-snin 2010 – 2013 | €48,248.73 | In kwantu €13,200.56 dovuti għas-sena 2010 bl-impozizzjoni ta' kontribuzzjoni addizjonali skont l-Artikolu 116 (1) (ċ) u (d) mis-7 ta' Diċembru 2011<br><br>Għal bqija bl-impozizzjoni ta' kontribuzzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 116 (1) (ċ) u (d) mit-8 t'Ottubru |

[34] Paġna 446 tal-proċess.

| | | |
|---|---|---|
| | | 2014, data tal-Avviż tat-Tħaris[35] |
| Taxxa addizzjonali FSS sal-2013 | €3,333 | |
| Taxxa addizzjonali KSS sal-2013 | €18,704.16 | |

**It-Tielet Grad**: Kummissarju tat-Taxxi (Valur Miżjud)

| | | |
|---|---|---|
| VAT sas-sena 2016 | €69,130.34 | |
| Imgħax | €43,295.38 | U bl-interessi ulterjuri r-rata permessa skont il-liġi sal-ħlas effettiv |

**Fir-Raba' Grad**: Bank of Valletta plc għas-somma ta' €1,171,688.20 bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Ġunju 2004 kawtelat b'ipoteka ġenerali.

**Fil-Ħames Grad**: Enemalta plc għas-somma ta' €516,893.59 bl-imgħax ta' 6% fis-sna mit-30 t'Ottubru 2007 kawtelat b'ipoteka speċjali.

Il-Perit waqaf sa dan il-grad in vista li fondi disponibbli ma jlaħħqux għal kredituri oħra.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

_Krediti ġia deċiżi mill-Qorti_

Din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010), ikkonkludiet li:

> "din il-kawza titratta min mill-konkorrenti ghandu jithallas is-somma ta' €135,000. L-ammont li hu dovut bhala kontribuzzjoni ghas-snin 2002 sa 2009 hu ta' **mitejn u erbgha sittin elf sitt mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€264,677.52)**. M'hemmx dubju li b'applikazzjoni tal-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318, id-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jippregradwa lill-Bank of Valletta plc"

[35] *Ibid*.

Il-Qorti tal-Appell wara li qieset li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom privileġġ fuq kwalunkwe kreditu ieħor waslet sabiex ikkonkludiet li

> "**L-ewwel grad**: Il-Bank of Valletta p.l.c. ghall-ispejjez gudizzjari kollha minnha nkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha u tas-subasta numru 127/07;
>
> **It-tieni grad**: Id-Direttur Generali tat-Taxxi Interni, huwa awtorizzat, kif iddecidiet l-ewwel Qorti, jizbanka dak li jibqa' mis-somma depozitata ta' mija u hamsa u tletin elf ewro (€135,000), akkont ta' dak dovut lilu."

Fis-sentenza **HSBC Bank Malta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 565/2010) fejn id-depożitu l-Qorti l-oġġett tal-konkors kien fis-somma ta' €250,000, il-Qorti tal-Appell waslet għas-segwenti deċiżjoni:

> "**L-ewwel grad:** HSBC Bank Malta plc ghall-ispejjez gudizzjari ammontanti ghall-tlieta u ghoxrin elf, mitejn, sebgha u tletin Euro u seba' centezmi (€23,237.07);
> **Tieni grad:** Direttur Generali tat-Taxxa Interni fis-somma ta' tliet mija, wiehed u ghoxrin elf u mitt Euro (€321,100) ghas-snin 2002 sa 2009, bl-imghax;
> **Tielet grad:** Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, tmien mija, wiehed u erbghin Euro u disgha u sittin centezmi (€51,841.69), bl-imghax ghal perjodu mill-1 ta' Gunju 2006, sal-1 ta' Settembru 2011;
> **Raba' grad:** HSBC Bank Malta plc ghal-tliet miljun, tliet mija, tnejn u sebghin elf, tmien mija sitta u ghoxrin Euro u disgha u hamsin centezmi (€3,372,826.59) kapital, u miljun, hames mija tlieta u hamsin elf, erba' mija, wiehed u sittin Euro u tmienja u tletin centezmi (€1,553,461.38) imghax sat-30 ta' Dicembru 2011;
> **Hames grad:** Simonds Farsons Cisk plc, u Diretturi Generali tat-Taxxa Interni u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-kumplament tal-krediti taghhom, pari passu."

***<u>Ħtieġa ta' reġistrazzjoni tal-privileġġ</u>***

Rigwardanti l-osservazzjoni li saret mill-BoV dwar dak li jipprovdi l-Artikolu 59 tal-Kap. 406, din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010) mogħtija fis-6 ta' Novembru 2012 qieset is-segwenti:

> "Hu l-Kap. 406 stess li jirrikonoxxi l-htiega ta' iskrizzjoni in kwantu fl-Artikolu 59(2) [...]

> Il-logika tghidlek li l-Artikolu 59(2) ma kienx jigi nkluz jekk ma kienx hemm htiega ta' iskrizzjoni tal-privilegg specjali kontemplat fl-Artikolu 62 tal-Kap. 406. Ovvjament l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku u Registru tal-Artijiet hi mehtiega fil-kaz ta' immobbli biss. Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ohra ghal dan il-provvediment.
>
> Minghajr l-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku, il-privilegg specjali fuq l-immobbli m'ghandux effett.
>
> Madankollu l-privilegg specjali li jgawdi minnu d-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m'huwiex limitat fuq l-immobbli ta' Crown Hotels Limited. Fl-attiv hemm inkluz ukoll mobbli. Privilegg specjali fuq mobbli m'hemmx ghalfejn jitnizzel fir-Registru Pubbliku (ara Artikolu 2032 tal-Kodici Civili). Il-flus mill-bejgh bl-irkant li sar fit-8 ta' April 2010 huma parti mill-attiv ta' Crown Hotels Limited, u li fuqu bis-sahha tal-Artikolu 62 id-Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud igawdi privilegg specjali.
>
> [...]
>
> Il-kontribuzzjoni hi kreditu privileggat fuq l-attiv tal-persuna li timpjega, li fil-kaz taghna hi Crown Hotels Limited. Privilegg li fil-fehma tal-qorti hu generali gialadarba, kuntrarjament ghal kaz tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, ma jinghadx espressament li hu privilegg specjali. Privilegg generali m'huwiex suggett ghall-iskrizzjoni (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili)."

Il-ħtieġa li ssir l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali li jissemma fl-Artikolu 62 fir-rigward ta' proprjeta immobbli ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-**Konkors tal-Kredituri ta' Carmelo Gauci Limited** (53/2006/1) fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2009:

> "Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta' immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit privilegg specjali fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqies li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-*diritto di seguito*".

Dan magħdud, il-Qorti kkonkludiet li b'applikazzjoni tal-Artkolu 62 dak iż-żmien id-Direttur Ġenerali (Taxxa Fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, xorta kellu d-dritt li jitħallas qabel kredituri oħra:

> "Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li <u>"t-taxxa</u>

msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zammit v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor"."

Il-Qorti tal-Appell fil-fatt fiż-żewġ sentenzi mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014, it-tnejn kontra Crown Hotels Limited, imsemmijien aktar 'l fuq, tagħmel tagħha dak li ingħad fil-każ **Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd** suċċitata, deċiż fis-27 ta' Frar, 2009. u dan wara li kkwotat is-segwenti silta mill-imsemmija sentenza:

"Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-ligi in kwistjoni u ssib li, sa certu punt, iz-zewg partijiet qed jghidu affarijiet li ghandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naha l-ohra, huma zbaljati.

Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg specjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privilegg" kif jinghad f'legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta' privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privilegg specjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta' dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b'mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq "l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma' dak trattat fil-Kodici Civili.

Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg specjali fuq immobbli hu munit b'*diritto di seguito* (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jaghti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess

tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta' xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b'referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta). Registrazzjoni ta' privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-*diritto di seguito*.

Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:

Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jinghad li jinqasam f'zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi dan il-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta' gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali". (sottolinear tal-Qorti tal-Appell).

Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zammit v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".

> Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).
>
> Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f'kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir <u>bi preferenza fuq kull dejn iehor</u>, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.
>
> Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, <u>it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent</u>."

Wara li kwotat din is-silta l-Qorti tal-Appell qieset li

> "Din hi l-posizzjoni li din il-Qorti ghadha zzomm sallum, u kwindi ma taqbilx mal-ewwel Qorti sa fejn iddikjarat ruhha kontra dan it-taghlim. Min-naha l-ohra, l-ewwel Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni li kienet tasal ghalih kieku abbraccjat dan il-hsieb, izda a bazi ta' motivazzjoni differenti, li din il-Qorti mhux necessarjament taqbel maghha. Kwindi, din il-Qorti tacetta l-gradwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti, salv dak li inghad qabel dwar spejjez privileggjati, ghalkemm mhux necessarjament ghall-istess ragunijiet."

<u>Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-sentenzi appena ċitati.</u>

***<u>Gradwazzjoni ta' krediti</u>***

**Artikolu 116(3) tal-Kapitolu 318 (Att dwar Sigurta Soċjali):**

> "(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-talba tad-Direttur għal xi ammont dovut bħala kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taħt dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileġġata, fil-każ ta' kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi, fl-istess grad bħall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-prinċipal u, fil-każ ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha konċernata u għandha titħallas bi preferenza fuq it-talbiet l-oħra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileġġati jew ipotekarji."

**Artikolu 62 tal-Kapitolu 406:**

> "Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili."

Fil-**Konkors ta' Kredituri Da Vinci Limited** (Rik 6/1995) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-13 ta' Novembru 2000, il-klassifikazzjoni tal-krediti ammessi saret fl-ordni segwenti:

> "(i) L-ewwel grad: Spejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u sabiex isir il-qsim tar-rikavat;
> (ii) Fit-tieni grad: Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li hu privileggjat a tenur ta' l-Artikolu 62 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
> (iii) Fit-tielet grad: Il-paga ta' l-impjegati sal-ammont massimu ta' Lm 200 u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghall-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Klassi u privileggjati skond l-Artikolu 116 (3) tal-Kap. 318;
> (iv) Ir-raba' grad: Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghat-taxxa dovuta bhala PAYE u privileggjata skond l-Artikolu 23 (8) ta' Kap 372;
> (v) Mill-hames sa l-Ghaxar grad gew klassifikati kredituri ohra ipotekarji bl-HSBC Bank plc jikklasifika fis-seba' grad;
> (vi) Fil-hdax il-grad: kredituri ordinarji li ma jgawdu minn ebda privilegg."

Fid-deċiżjoni **Konkors ta' Kredituri ta' Anthony Gauci et** (Rik 368/2005) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2007 irriteniet "illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-PAYE kien jiggradwa qabel dak tal-Bank of Valletta anke jekk ma kienx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan kontra dak li kien jippretendi l-Bank of Valletta li kien irrefera għat-Titolu XXIII tal-Kap. 16."

<u>*Gradwazzjoni bejn Taxxi fuq il-Valur Miżjud u Taxxi Interni*</u>

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010) kellha dan xi tgħid fir-rigward:

> "l-qorti kkonkludiet li l-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ghandu privilegg generali u meqjus li l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi

> li l-privilegg specjali li ghandu d-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ma jatihx preferenza fir-rigward ta' dejn li jkollu privilegg generali, il-qorti hi tal-fehma li l-kreditu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni jippregradwa l-kreditu tad- Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud."

Għal kull buon fini jingħad li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq ħlasijiet oħra li jistgħu jkunu dovuti. Fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet fil-**Konkors ta' Kredituri ta' Anthony Gauci et** (Rik 368/2005) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2007 irriteniet li hemm biss privjlegg ghal kontribuzzjoni dovuta u mhux ghat-taxxa addizzjonali.[36]

***<u>Penali</u>***

Ingħad fis-sentenza **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010) fuq imsemmija li

> "Ghal finijiet ta' konkors pero il-penali mhux ser jitqiesu, in kwantu l-privilegg hu moghti fuq it-taxxa li fl-Att hi mfissra bhal:-
> *"taxxa" tfisser it-taxxa fuq il-valur mizjud li ghandha tithallas skond dan l-Att izda ma tinkludix penali amministrattiv jew mghax."*
>
> Min-naha l-ohra fir-rigward tal-imghax fuq it-taxxa, japplika l-Artikolu 2095 tal-Kodici Civili li jipprovdi:
> *"Fl-istess grad li fih ikun imqieghed kreditu, **jitqieghdu l-imghaxijiet ta' dak il-kreditu**, l-ispejjez ta' l-iskrizzjoni u l-ispejjez maghmulin..............."*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 565/2010) ukoll rriteniet li l-penali ma jgawdux minn xi privileġġ speċjali:

> "Dwar it-tielet aggravju tal-bank appellant, din il-Qorti taqbel fil-principju li d-dritt ta' preferenza tad-Direttur Generali appellat hu fuq taxxa piu` imghax u mhux fuq hlassijiet ohra li jistghu jkunu dovuti.
>
> It-taxxa u bolla addizzjonali reklamata mid-Direttur Generali tat-Taxxi Interni hija pero` "taxxa" li hi wkoll privileggjata, u l-unika pretensjoni mhux preferuta kif osservat l-ewwel Qorti hija t-talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-penali ta' erbat elef, hames mija, hamsa

---

[36] Ara wkoll **Robertino Bonello et vs. Bank of Valletta plc et noe** (Rikors numru 814/06FS), deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla deċiża fid-9 ta' Novembru 2009 u **Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit** (Rik 831/2007).

u erbghin Euro u wiehed u sebghin centezmi (€4,545.71) li ghaliha, allura jigradwa pari passu mal-kredituri ordinarji."

***<u>Spejjeż ġudizzjarji</u>***

Ai termini tal-**Artikolu 2003 tal-Kodiċi Ċivili**, l-ispejjeż ġudizzjarji huma muniti bil-privileġġ ġenerali u kwindi jikkonkorru qabel kull kreditu ieħor. L-**Artikolu 2004 (1)** imbaghad jipprovdi illi:

> "L-ispejjez gudizzjarji privileggati huma dawk li jsiru ghall-inventarju, jew ghal xi hag'ohra fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir il-bejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom."

Fis-sentenza tagħha din il-Qorti diversament preseduta fl-**ismijiet Ab Initio Ltd vs. HSBC Bank Malta plc** (992/2015) mogħtija fis-27 t'April 2017 kkunsidrat ukoll is-segwenti artikolu:

> "Il-Qorti tghid illi skont l-Art 337(3) u l-Art 344 tal-Kap 12, l-ewwel ghandhom jithallsu lill-kreditur ezekutant l-ispejjez tal-irkant bla ebda kondizzjoni kif ukoll jiehu lura l-ispejjez legali u l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu taht l-obbligazzjoni, imsahha b`garanzija tajba, li jerga` jroddhom lix-xerrej fil-kaz ta` evizzjoni tal-immobbli li jkun gie hekk liberat. Ai termini ta` l-Art 346 tal-Kap 12, il-kredituri ezekutanti mhumiex biss dawk il-kredituri originali li jkunu taw bidu ghall-procedura ta` subbasta izda huma l-kredituri l-ohra kollha li jkunu dahlu kompartecipi f`dawk il-proceduri ai termini ta` l-istess disposizzjoni."

Ingħad fid-29 ta' Mejju 2015 mill-Qorti tal-Appell fil-**Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit** (Rik 831/2007) li:

> "Hu car f'dan il-kaz, li l-ispejjez inkwistjoni saru fl-interess tal-kredituri kollha, tant li dawn il-proceduri ta' konkors saru wara Cedola ta' Depozitu li giet ipprezentata wara l-bejgh tal-proprjeta` taht l-Awtorita` tal-Qorti li sar fuq inizjattiva u a spejjez tal-bank appellant. Il-kredituri l-ohra f'dawn il-proceduri qed "jirkbu" fuq din l-inizjattiva tal-bank appellant, u huwa mhux biss skont il-ligi u anke gust li l-kreditu ghall-ispejjez jippregradwa flimkien mal-kreditu tar-Registratur Qrati u Tribunali Civili."

Dwar il-gradwazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Crown Hotels Ltd** (Rik 628/2010) ikkunsidrat li:

"[..] l-bank ghandu ragun meta jghid li fl-ewwel grad il-Bank ghandu jithallas l-ispejjez gudizzjarji li huma privileggati skont il-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Aquilina v. Camilleri**, deciza fit-22 ta' Mejju, 1950,

"… … … l-ispejjez privileggjati, f'materja ta' konkors bejn diversi kredituri, huma dawk li jsiru fl-utilita` komuni tal-kredituri kollha, bhal ma huma dawk inkorsi biex il-haga li fuqha jikkonkorru l-kredituri tigi prodotta fil-vantagg ta' kulhadd (Vol. XXXIV. 1. 366)".

[…]

Dwar l-ispejjez relatati mas-sentenza li ottjeniet il-Bank of Valletta p.l.c., din il-Qorti taghraf li hemm gurisprudenza kontrastanti, u filwaqt li hemm gurisprudenza li taghti dan il-privilegg lill-ispejjez inkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, hemm ohra illi tirritjenti illi l-ispejjez ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu ma humiex spejjez inkorsi fl-interess komuni u ghalhekk ma jgawdux il-privilegg generali in dizamina. Din il-Qorti, tqis li ghandha tabbraccja l-ewwel gurisprudenza li taghti lill-kreditur ezekuttant privilegg specjali fuq l-ispejjez inkorsi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu, liema process ikun l-ewwel pass mehtieg qabel ma jinbdew il-proceduri bis-subasta."

***<u>Fuq liema rikavat issir il-pregradwazzjoni</u>***

Il-Bank of Valletta ssottometta li l-Kummissarju ma jippregradwax fuq rikavat tal-proprjeta Crown Hotels Ltd ġaladarba li l-Avviż għal Talba ta' Ħlas ġie indirizzat lil Ronald Azzopardi personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Crown Hotels Ltd u mhux direttament lil Crown Hotels Ltd. Il-Bank sottometta li l-privileġġ fl-Artikolu 62 tal-Kapitolu 406 japplika fir-rigward tar-rikavat ta' proprjeta tal-persuna li minnha qed tiġi reklamata t-taxxa u għadda sabiex għamel referenza għas-sentenza **Bank of Valletta vs. X** (Rik 851/2008) deċiża fl-4 ta' Mejju 2017.

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza imsemmija għamlet is-segwenti osservazzjoni:

"il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jressaq l-iċken prova li l-flus depożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu meritu ta' dawn il-proċeduri jagħmlu sehem mill-attività ekonomika jew taxxabbli tad-debituri. Skont l-artikolu 5(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, attività ekonomika tfisser:

"...attività ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed minn dan li ġej:

(a) xi negozju jew kummerċ;
(b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz persunali ieħor;
(ċ) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu;
(d) l-għoti minn club, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni (għax titħallas xi miżata jew jingħata xi korrispettiv ieħor) tal-faċilitajiet jew vantaġġi disponibbli għall membri relattivi;
(e) id-dħul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond."

> Is-somma depożitata hija l-prezz li bih ġiet liberata favur terzi proprjeta immobbli li kienet tappartjeni lill-konjuġi Pace f'isimhom personali u minn imkien ma jirriżulta li din il-proprjetà kienet tagħmel parti mill-attività ekonomika jew attività taxxabli tagħhom kif qiegħed jippretendi il-Kummissarju tat-Taxxi u għaldaqstant, l-artikoli tal-liġi ċitati mhumiex applikabbli għall-każ tal-lum b'dan illi l-Kummissarju ma jgawdi minn ebda privileġġ speċjali fuq is-somma depożitata."

Il-bejgħ bl-irkant fil-każ odjern wassal sabiex il-propjetajiet O'Connor's Pub & Restaurant u l-maisonette Betsalem ħarġu mill-patrimonju ta' Crown Hotels Limited u minflok daħal fil-patrimonju tagħha ir-rikavat tal-bejgħ.

Fin-nota' ta' osservazzjonijiet tiegħu Bank of Valletta plc jissottometti illi l-Avviżi li ħarġu mill-Kummissarju tat-Taxxi u li ġew preżentati f'dawn il-proċeduri huma impostati "Lil: Ronald Azzopardi personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Crown Hotels LTD."

Jargumenta l-BOV illi fl-avviżi imsemmija il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi ma hux indirizzat kontra Crown Hotels Limited iżda kontra Ronald Azzopardi.

Fil-fehma tal-Qorti l-Avviż ma hux indirizzat biss lil Ronald Azzopardi personalment iżda wkoll bħala rappreżentant u għan-nom tas-soċjeta Crown Hotels Ltd. Għalhekk l-avviż jiswa wkoll fil-konront ta' Crown Hotels Limited.

**Artikolu 66 (3) (a) tal-Kapitolu 406** (Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jipprovdi fost oħrajn li:

> "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) rappreżentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu."

Il-ħames sub-artikolu imbagħad jipprovdi li

> "Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa *in bona fede* u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha."

Similment l-**Artikolu 123 tal-Kapitolu 318** (Att dwar Sigurta Soċjali):

> "(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew ħaġa oħra li huma meħtieġa li jsiru jew li m'għandhomx isiru skont jew taħt dan l-Att għandhom isiru jew m'għandhomx isiru minn korp jew għaqda oħra ta' persuni, dak l-att, affarijiet jew ħaġa jkunu wkoll meħtieġa li jsiru jew li ma jsirux persunalment mill-manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp jew dik l-għaqda; u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandhom japplikaw f'dan is-sens.
>
> (2) Meta fl-applikazzjoni tas-subartikolu (1) jkollu jsir xi ħlas minn korp jew għaqda ta' persuni u mill-*manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor tagħha, dak l-obbligu jkun *in solidum*."

Fis-sentenza tal-**Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit** (Rik 831/2007) il-Qorti tal-Appell 29 ta' Mejju 2015:

> "Din il-Qorti tirrileva illi d-djun fiskali huma responsabbilta` tal-kumpanija gestita minn Victor Zammit, bir-responsabbilta` tinfirex, bis-sahha tal-ligi, fuq ir-rapprezentant taghha, f'dan il-kaz, l-istess Victor Zammit. Dan ifisser li hekk kif dan Victor Zammit holoq il-kumpanija tieghu, u assuma l-kariga ta' Direttur rapprezentant tal-istess, assuma minnufih u awtomatikament obbligu li jhallas lill-awtoritajiet kull taxxa li tista' tkun dovuta. Din ir-responsabbilta` hija konsegwenza diretta tar-rapprezentanza tieghu tas-socjeta` kummercjali inkwistjoni."[37]

[37] Ara wkoll **Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci** (Rik 1208/2007) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 ta' Novembru 2020.

**Dwar il-Kwistjoni li d-dipartimenti fiskali bidlu u żiedu l-quantum tal-kreditu pretiż tagħhom matul il-kors tal-proċeduri tal-konkors.**

Kif rajna l-Kummissarju tat-Taxxi ikkonkorra fit-terminu stabbilit mill-artikolu 420 tal-Kap 12. billi talab li l-kreditu tiegħu ta' mija u ħamsa u tmenin elf, tlett mija u ħmistax-il ewro (€185,315) rappreżentanti taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali għas-snin bażi mill-2004 sal-2009 jiġi pregradwat qabel il-krediti tal-konkorrenti l-oħra.[38]

**Artikolu 416 tal-Kap.** 12 jipprovdi illi:

> "(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ikunu ġewiddepożitati flus, illi fuqhom iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor, il-qorti, fuq rikors ta' wieħed minn dawk il-pretendenti,tordna, bil-mezz tar-reġistratur, li, f'gazzetta waħda jew iżjed,fosthom f'kull każ il-Gazzetta tal-Gvern, jiġi maħruġ avviż li jgħarraf b'dak id-depożitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjaħ lil kull min jista' jkollu interess sabiex iġib 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar; u meta jagħlaq dak iż-żmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru."

**Artikolu 417**

> "Id-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit, ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru; u kull waħda minn dawn il-persuni tista', wara, titlob lura l-flus, kollha jew parti minnhom,mingħand il-kreditur gradwat, kemm-il darba l-jeddijiet tagħha jiġu f'kawża għaliha, magħrufa bħala aqwa jew daqs dawk tal-kreditur gradwat: iżda jekk jiġi ppruvat illi dik il-persuna li għandha jedd aqwa jew indaqs setgħat tidher biex tikkonkorri fiż-żmien li jmiss,in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitqies fid-deċiżjoni tal-ispejjeż."

[38] Paġna 324 tal-proċess

**Artikolu 418**

> Kull min irid jikkonkorri fuq il-flus iddepożitati fil-qorti,għandu, fiż-żmien li jmiss, jippreżenta rikors u fih jitlob li l-kreditutiegħu jiġi gradwat dwar il-flus. L-ewwel konkorrent għandu flimkien mar-rikors tiegħu jġib kopja taċ-ċedola tad-depożitu

**Artikolu 420**

> (1) Bil-preżentata tar-rikors ta' kull wieħed mill-konkorrenti, wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi fl-artikolu 416, il-proċess jingħadd magħluq.

Huwa ċar fil-fehma tal-Qorti illi t-terminu ta' xahar stabbilit bl-artikolu 416 fuq ċitat jipprekludi mhux biss li kredituri oħra li ma osservawx dak it-terminu milli jikkonkorru, iżda jipprekludi wkoll lill-istess kredituri konkorrenti milli wara li jresqu l-pretensjoni tagħhom fit-terminu permezz ta' rikors, jittentaw illi jżiedu tali pretensjoni fi stadju ulterjuri billi sempliċement jippreżentaw nota jew billi sempliċement isemmu li għandhom kreditu akbar f'nota ta' osservazzjonijiet.

Il-Qorti ma taqbilx mal-opinjoni espressa mill-Perit Ġudizzjarju illi huwa permess wara l-għeluq tat-terminu stabbilit mil-liġi li kredituri konkorrenti iżidu l-quantum tal-kreditu minnhom vantat fir-rikors ippreżentat fit-terminu oriġinali ta' xahar. Huwa minnu illi l-ius avocandi ai termini tal-Artikolu 417 jagħti d-dritt anke lill-kredituri non parteċipanti illi wara li jiġi konkluż il-konkors jistitwixxu proċeduri kontra min ikun ġie pregradwat l-ewwel; pero' proprju għalhekk li l-liġi teżiġi li mal-għeluq tat-terminu ta' xahar ma hux permess li jiżdiedu kredituri oħra li ma pparteċipawx fit-terminu legali impost mil-liġi.

Tajjeb jiġi rilevat illi l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ebda ħin ma talab illi r-rikors tiegħu tat-30 ta' Novembru 2012 ppreżentat fit-terminu jiġi emendat. Fi stadju ulterjuri huwa ppreżenta nota li sejħilha "korrettorja" fejn żied l-ammont li dwaru qed jippretendi li jiġi pregradwat qabel kredituri oħra; iżda dik minnu msejħa 'nota korrettorja' ma hiex permessa mil-liġi tal-proċedura.

It-termini stabbilit mil-liġi tal-proċedura jitolbu interpretazzjoni stretta in kwantu huma di natura ta' ordni pubbliku. Intqal illi l-proċedura hi "liġi ta' ordni pubbliku u allura l-iprem gwardjan tagħha hi l-Qorti." (ara. **Veronique**

**Amato Gauci et. vs. Marco Zammit et**. – Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) – 19 ta' Mejju 2004). Intqal ukoll illi: "Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura ghandhom jigu osservati alla lettera u mhux per equipollens. Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'. .....................Din mhix kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu." (Ara. "**Maurice Cefai et. vs. Doris Fenech** – Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri – 22 ta' Novembru 2002)

Isegwi għalhekk illi ma l-għeluq tax-xahar stabbilit mil-liġi l-proċess jingħad magħluq u l-ebda konkorrent ma jista', jressaq pretensjonijiet ulterjuri li ma jkunux tresaqu fir-rikors preżentat fit-terminu.

Għalhekk f'dawn il-proċeduri il-Qorti hi marbuta li tieħu biss in konsiderazzjoni il-krediti kif imressqa fir-rikorsi preżentati fit-terminu legali u mhux pretensjonijiet oħra imressqa b'noti wara li skada dak it-terminu.

Konsegwentement fejn jirrigwardja id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) l-Qorti ser tikkunsidra bħala kreditu konkkorrenti l-ammont ta' €185,315 indikat fir-rikors preżentat mill-istess Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fit-30 ta' Novembriu 2012 iżda mhux ammonti oħra imressqa fi stadju ulterjuri tal-proċedura odjerna.

Jirriżulta illi mill-ammont reklamat fir-rikors tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) tat-30 ta' Novembru 2012 referibbli għal FSS u KSS baqa' biss dovut is-somma ta' disa' mija u tletin ewro **(€930)** in kwantu l-kumplament ġie mħallas fil-kors ta' proċeduri oħra.

Għall-istess raġuni l-Qorti qed tikkonsidra l-ammont dovut lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li qed jikkonkorri f'dawn il-proċeduri dak biss li ġie speċifikat fir-rikors tiegħu ukoll tat-30 ta' Novembru 2012[39] fejn ġie speċifikat illi l-ammont ta' VAT reklamat kien ta' €50,277.12.

Ammonti ta' VAT u imgħax li ma ġewx speċifikati fir-rikors tat-30 ta' Novembru 2012 jew li saru dovut wara dik id-data ma jagħmlux parti mill-mertu ta' dan il-konkors.

[39] Paġna 329 tal-proċess

Għalhekk fir-rigward tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) il-Qorti qed tqis biss l-ammont ta' €50,277.12 li skond l-istess Direttur Ġenerali dan l-ammont jirrappreżenta in kwantu għal €36,632.42 VAT, €4,817,75 penali, u €8,826.95 imgħax.

Peress li kif rajna supra, il-penali ma tgawdix privileġġ staturorju, l-ammont dovut lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li jippregradwa qabel dawk li jgawdu minn privileġġ ġenerali huma l-ammonti ta' VAT u imgħax li komplessivament jammontaw għal **€45,458.95**.

Il-BoV jikkontendi illi d-Direttur Ġenerali ma ġabx l-aħjar prova dwar dak minnu reklamat u għalhekk it-talbiet fir-rigward tat-taxxa u tal-VAT m'għandhomx jiġu kkunsidrati. Fil-fehma tal-Qorti dan ma hux il-każ. Fir-rigward tal-ammonti li qed jiġu aċċettati minn din il-Qorti bħala parteċipi f'dan il-konkors id-Direttur Ġenerali ressaq provi sodisfaċenti li għaddew ukoll mill-għarbil tal-perit legali u kull xhud li tressaq mid-Direttur Ġenerali seta' jiġi kontro-eżaminat kif anke l-perit legali seta' jiġi mistoqsi fil-forma ta' eskussjoni. Il-Qorti tqis illi mill-eżami tal-provi dokumentarji kif ukoll mit-testimonjanza tax-xhieda mressqa, il-kreditu ta' taxxa u VAT ammess f'dawn il-proċeduri huwa sodisfaċentement ippruvat.

**Kreditu dovut lil Bank of Valletta plc**.

Jirriżulta li qabel dan il-konkors kienu ġew intavolati żewġ konkorsi oħra kontra s-soċjeta Crown Hotels. Ai termini ta' dawk il-konkorsi il-Bank irċieva s-somma ta' €41,693.25 spejjeż inkorsi fil-proċeduri 628/2010 u €23,237.07 mill-konkors 565/2010 bħala spejjeż legali.

Ingħad li s-somma dovuta hija ta' €2,679,345.67 flimkein mal-imgħax legali mill-31 ta' Jannar 2019 sal-pagament effettiv. Il-Bank jinsisti li l-kreditu tiegħu huwa porzjuri għal dak tal-kredituri l-oħra inkluż tal-Kummissarju tat-Taxxi u dan bis-saħħa tal-ipoteka I3453/2004.

Kif rajna supra il-krediti konsistenti f'taxxa u VAT jipregradwaw qabel kull kreditu ieħor ħlief għall-ispejjeż ġudizzjarji tal-BoV li jinsabu ġia mħallsa.

Il-kreditu tal-BoV li jista' jitqies għall-finijiet ta' dan il-konkors huwa dak speċifikat fir-rikors tal-bank tal-25 ta' Lulju 2013[40] fejn ġie speċifikat illi l-ammont dovut minn Crown Hotels Limited huwa ta' €1,250,177 kawtelat b'ipoteka ġenerali numru I 13453/2004.

[40] Paġna 353 tal-proċess.

**Gradwazzjoni**.

Tenut kont il-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula, l-Qorti qed tiddeċiedi l-gradwazzjoni bil-mod segwenti:-

**L-Ewwel Grad.**

Bank of Valletta p.l.c. għall-ispejjeż tas-sub hasta 47/2007 u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**It-Tieni Grad.**

| | | |
|---|---|---|
| Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) | : | **€930.00** |

**It-Tielet Grad.**

| | | |
|---|---|---|
| Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) | : | **€45,458.95** |

**Ir-Raba' Grad.**

| | | |
|---|---|---|
| Bank of Valletta p.l.c. | : | **€1,250,177.00** |

Peress illi d-depożitu mertu ta' dan il-konkors mhux biżżejjed sabiex jiġu sodisfatti l-krediti konkorrenti kollha, mhux meħtieġ li ssir gradwazzjoni ulterjuri tar-rimanenti krediti konkorrenti.

**Spejjeż.**

Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
12 ta' Mejju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**